# Nota Konġunta tal-Eurojust u tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew dwar l-applikazzjoni prattika tal-Ordni ta’ Investigazzjoni Ewropea

Ġunju 2019

EUROJUST

NETWERK ĠUDIZZJARJU EWROPEW (NĠE)

Din in-Nota hija dokument ta’ appoġġ għall-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-applikazzjoni tal-Ordnijiet ta’ Investigazzjoni Ewropej (OIE), u mhijiex legalment vinkolanti.

*Criminal justice across borders*

MT

# WERREJ


**1. Introduzzjoni .................... 5**

**2. Kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea .................... 5**

2.1. "Kwalunkwe miżura investigattiva" (Artikolu 3) u "dispożizzjonijiet korrispondenti" (Artikolu 34) .................... 5

2.2. L-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea fl-istadji kollha u/jew lil hinn mill-fażi tal-proċess .................... 6

**3. Kontenut u forma tal-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea (Artikolu 5) .................... 7**

3.1. Kif timtela' l-formola tal-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea (Anness A) .................... 7

3.2. Informazzjoni jew dokumenti li għandhom jiġu — jew li ma għandhomx jiġu — ipprovduti mill-awtorità emittenti .................... 8

3.3. Lingwa tal-formola u kwistjonijiet ta' traduzzjoni .................... 9

**4. L-emissjoni u t-trasmissjoni ta' Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea .................... 9**

4.1. L-awtoritajiet kompetenti involuti (l-awtorità emittenti u ta' validazzjoni) .................... 9

4.2. Verifika tal-proporzjonalità (Artikolu 6(1)) .................... 10

4.3. Diversi miżuri, diversi Ordnijiet ta' Investigazzjoni Ewropej? .................... 10

4.4. Trasmissjoni tal-Ordnijiet ta' Investigazzjoni Ewropej (Artikolu 7) .................... 10

**5. Rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea .................... 11**

5.1. L-awtoritajiet kompetenti involuti .................... 11

5.2. Rikonoxximent u eżekuzzjoni (Artikolu 9) .................... 11

5.3. Rikors għal tip differenti ta' miżura investigattiva (Artikolu 10) .................... 12

5.4. Raġunijiet sabiex ma jingħatax ir-rikonoxximent jew ma ssirx l-eżekuzzjoni (Artikolu 11) .................... 12

5.5. Każijiet urġenti .................... 13

5.6. Rikonoxximent tar-riċezzjoni (Artikolu 16 (1), Anness B) u skadenzi (Artikolu 12, Anness B) .................... 13

**6. Miżuri investigattivi speċifiċi (Artikoli 22-31) .................... 14**

6.1. Ġenerali .................... 14

6.2. Smigħ b'vidjokonferenza (Artikolu 24) .................... 14

6.3. Smigħ b'konferenza telefonika (Artikolu 25) .................... 15

6.4. Informazzjoni dwar operazzjonijiet bankarji u finanzjarji oħra (Artikolu 27) .................... 15

6.5. Ġbir ta' provi fi żmien reali (Artikolu 28) .................... 15

6.6. Interċettazzjoni ta' telekomunikazzjonijiet **b'**assistenza teknika (Artikolu 30) .................... 15

6.7. Interċettazzjoni ta' telekomunikazzjonijiet **mingħajr** assistenza teknika (Artikolu 31) .................... 15

**7. Regola ta' speċjalità .................... 16**

**8. Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea vs strumenti oħra .................... 16**

8.1. Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea vs strumenti ta' ffriżar .................... 16

8.2. Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea vs skwadri ta' investigazzjoni konġunta .................... 16

8.3. Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea vs Mandat ta' Arrest Ewropew .................... 17

8.4. Sorveljanza transkonfinali .................... 17

**9. Assistenza pprovduta mill- Eurojust u min- Netwerk Ġudizzjarju Ewropew .................... 17**

9.1. Kummenti ġenerali .................... 17

9.2. Eurojust .................... 18

9.3. In-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew .................... 18

**Biblijografija .................... 19**

# 1. Introduzzjoni

L-objettiv ta' dan id-dokument huwa li jipprovdi gwida għall-prattikanti dwar l-applikazzjoni prattika tad-Direttiva 2014/41/UE tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea (OIE) f'materji kriminali (id-"Direttiva dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea" jew "DIR OIE")[1]. Huwa kompilazzjoni ta' informazzjoni, li jenfasizza kwistjonijiet/sfidi, soluzzjonijiet possibbli u l-aħjar prattika, kif miġbura mill-Eurojust u n-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew (NĠE) minn laqgħat, dokumenti u każistika.

Din in-Nota Konġunta tindirizza kwistjonijiet identifikati relatati mal-erba' fażijiet ewlenin taċ-ċiklu tal-ħajja ta' OIE (il-fażi tal-ħruġ, il-fażi ta' trasmissjoni, il-fażi ta' rikonoxximent u l-fażi ta' eżekuzzjoni), kif ukoll kwistjonijiet relatati mal-kamp ta' applikazzjoni tad-DIR OIE u l-użu tagħha fir-rigward ta' strumenti legali koeżistenti oħrajn, l-awtoritajiet kompetenti, il-kontenut, il-forma u l-lingwa tal-OIE u l-użu ta' xi miżuri investigattivi speċifiċi.

Din in-Nota Konġunta hija meqjusa bħala dokument ħaj, u l-Eurojust u n-NĠE biħsiebhom ikomplu jaġġornawha fil-futur.

# 2. Kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea

## 2.1. "Kwalunkwe miżura investigattiva" (Artikolu 3) u "dispożizzjonijiet korrispondenti" (Artikolu 34)

Mit-22 ta' Mejju 2017, id-DIR OIE issostitwixxiet id-"**dispożizzjonijiet korrispondenti**" tal-Konvenzjonijiet dwar l-Assistenza Reċiproka (MLA), skont l-Artikolu 34(1) DIR OIE (Konvenzjoni tal-1959 tal-Kunsill tal-Ewropa (KtE) u ż-żewġ protokolli addizzjonali tagħha, kif ukoll il-Konvenzjoni tal-2000 dwar l-MLA).

L-interpretazzjoni tat-terminu "dispożizzjonijiet korrispondenti" tibqa' punt ta' tħassib. F'xi Stati Membri, il-leġislazzjoni nazzjonali ta' traspożizzjoni tinkludi lista tal-miżuri li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-DIR OIE, filwaqt li fi Stati Membri oħra qed jintużaw għodod ta' "liġijiet mhux vinkolanti" (eż. linji gwida maħruġa minn uffiċċju tal-prosekuzzjoni ġenerali). Fin-nuqqas ta' lista komuni tal-Unjoni Ewropea (UE), jidher ċar li, fir-rigward ta' xi miżuri u dispożizzjonijiet, fl-Istati Membri jeżistu interpretazzjonijiet differenti, li xi kultant joħolqu konflitti. Bl-eċċezzjoni tad-dokument tal-Kunsill 14445/11, s'issa ma hemm l-ebda lista komprensiva disponibbli li tindika d-dispożizzjonijiet eżatti li ser jiġu sostitwiti. **Nota Konġunta tal-Eurojust-NĠE** tiġbor il-fehmiet tal-punti ta' kuntatt tan-NĠE dwar l-interpretazzjoni tat-terminu "dispożizzjonijiet korrispondenti", skont l-Artikolu 34(1) DIR OIE (*ara* "Nota tal-Eurojust/NĠE dwar it-tifsira ta' "dispożizzjonijiet korrispondenti" u r-reġim legali applikabbli f'każ ta' dewmien fit-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar l-OIE").

L-Artikolu 3 DIR OIE dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-OIE jirreferi għal "**kwalunkwe miżura investigattiva**", bl-eċċezzjoni tal-istabbiliment ta' skwadra ta' investigazzjoni konġunta (SIK).

Il-kriterji li ġejjin jistgħu jkunu ta' għajnuna fil-valutazzjoni ta' jekk id-DIR OIE għandhiex tapplika:

- l-ordni tikkonċerna miżura investigattiva biex tinġabar jew tintuża l-evidenza,
- il-miżura nħarġet jew ġiet ivvalidata minn awtorità ġudizzjarja, u
- il-miżura tirrigwarda l-Istati Membri marbuta bid-DIR OIE.

1 Id-DIR OIE tapplika għall-Istati Membri kollha marbuta minnha (26 Stat Membru; l-Irlanda u d-Danimarka mhumiex marbuta biha).

Jekk xi wieħed minn dawn il-kriterji ma japplikax, id-DIR OIE ma tkunx l-istrument li għandu jintuża, u minflok għandu jiġi applikat strument legali ieħor. Pereżempju, f'każijiet fejn miżura ma jkollha l-ebda implikazzjoni relatata ma' evidenza, iżda pjuttost sempliċiment objettiv proċedurali (eż. notifika u trasmissjoni ta' dokumenti proċedurali), għandha tinħareġ talba għal MLA u mhux OIE.

Biex jassisti fil-kjarifika tal-interpretazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-DIR OIE, is-Segretarjat tan-NĠE ppubblika dokument bit-titlu "Awtoritajiet kompetenti, lingwi aċċettati, kwistjonijiet urġenti u kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-OIE", li huwa disponibbli għall-prattikanti fis-sit web tan-NĠE.

Interpretazzjoni komuni hija li d-DIR OIE ma tkoprix il-miżuri li ġejjin:

- L-istabbiliment ta' SIK u l-ġbir ta' evidenza fi ħdan SIK;
- In-notifika u t-trasmissjoni ta' dokumenti proċedurali, sakemm il-kunsinna ta' dokument ma tkunx **strumentali** għall-miżura investigattiva li tkun is-suġġett tal-OIE — f'dak il-każ, għandu jiġi segwit approċċ flessibbli għall-inklużjoni tiegħu fl-OIE f'konformità mal-Artikolu 9(2) DIR OIE;
- Skambju spontanju ta' informazzjoni (Artikolu 7 tal-Konvenzjoni tal-2000 dwar l-MLA);
- It-trasferiment ta' proċedimenti (Artikolu 21 tal-Konvenzjoni tal-1959 tal-KtE u l-Konvenzjoni tal-1972 tal-KtE);
- L-iffriżar ta' proprjetà għall-fini tal-konfiska sussegwenti (Deċiżjoni Kwadru 2003/577/JHA dwar it-twettiq fl-Unjoni Ewropea tal-mandati li jiffriżaw xi proprjetà jew xi evidenza; u, mid-19.12.2020, ir-Regolament 2018/1805 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ordnijiet ta' konfiska);
- Restituzzjoni: ritorn ta' oġġett lill-vittma (Artikolu 8 tal-Konvenzjoni tal-2000 dwar l-MLA);
- Il-ġbir ta' siltiet mir-reġistru tar-rekords kriminali/ ECRIS;
- Kooperazzjoni bejn korpi ta' pulizija; jew
- Kooperazzjoni bejn servizzi doganali.

Waħda mid-dispożizzjonijiet li ħolqot dubju fost il-prattikanti hija l-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni ta' Budapest dwar it-tfittxija u l-qbid ta' data maħżuna f'kompjuter. Jidher li l-maġġoranza tal-prattikanti jemmnu li din id-dispożizzjoni xorta tista' tintuża, peress li mhijiex "dispożizzjoni korrispondenti".

(*Ara wkoll il-**Kapitolu 8. Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea vs strumenti oħra***.)

## 2.2. L-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea fl-istadji kollha u/jew lil hinn mill-fażi tal-proċess

**Il-Premessa 25** tad-DIR OIE tinnota li d-Direttiva tistabbilixxi regoli għat-twettiq ta' miżuri investigattivi fl-istadji kollha tal-proċedimenti kriminali, inkluż matul il-fażi tal-proċess.

L-OIE tapplika għall-**ġbir ta' evidenza mhux biss matul il-fażi investigattiva tal-proċedimenti, iżda wkoll matul il-fażi tal-proċess**. Barra minn hekk, f'xi Stati Membri, l-OIE tapplika wkoll għal miżuri li ttieħdu matul l-eżekuzzjoni ta' sentenza (eż. matul investigazzjoni finanzjarja għall-fini li jiġu identifikati assi wara li tkun ġiet adottata deċiżjoni finali dwar il-konfiska, jew biex tinġabar evidenza dwar iċ-ċirkostanzi li jikkonċernaw l-eżekuzzjoni ta' sentenza). Dan l-approċċ li tintuża OIE **lil hinn mill-fażi tal-proċess** huwa relatat ma' sistemi ġudizzjarji nazzjonali li fihom il-kunċett ta' proċedimenti kriminali jinkludi wkoll il-fażi ta' eżekuzzjoni.

(*Ara wkoll il-**Kapitolu 6.2. Smigħ permezz ta' vidjokonferenza** u **l-Kapitolu 8.3. Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea vs Mandat ta' Arrest Ewropew***).

# 3. Kontenut u forma tal-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea (Artikolu 5)

## 3.1. Kif timtela' l-formola tal-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea (Anness A)

Il-**formola standard tal-OIE (Anness A)**, disponibbli bil-lingwi kollha, ġiet introdotta biex tinkoraġġixxi s-sempliċità u l-effiċjenza, filwaqt li jiġi enfasizzat l-ispirtu tad-DIR OIE u l-kunċett ta' rikonoxximent reċiproku. L-għan tal-formola huwa li tissimplifika l-formalitajiet, ittejjeb il-kwalità u tnaqqas l-ispejjeż tat-traduzzjoni.

Madankollu, il-prattikanti ltaqgħu ma' diversi sfidi meta jimlew l-Anness A:

- Xi kultant, l-OIE huma qosra wisq u ma jkollhomx l-informazzjoni fundamentali (eż. informazzjoni insuffiċjenti dwar għaliex il-miżura hija meħtieġa għall-investigazzjoni, dati neqsin, l-ebda informazzjoni dwar persuni milquta, jew deskrizzjoni insuffiċjenti tal-fatti investigati li jagħmlu l-verifiki dwar il-kriminalità doppja, pereżempju, diffiċli wisq biex jitwettqu). Din is-sitwazzjoni mbagħad tiskatta l-proċedura ta' konsultazzjoni, li teħtieġ talbiet għal informazzjoni addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 11(4) DIR OIE.
- Il-formulazzjoni użata fl-Annessi għal-liġijiet nazzjonali li jittrasponu d-DIR OIE **mhux dejjem tikkorrispondi għalkollox** mal-formulazzjoni użata fl-Annessi uffiċjali tal-OIE. Din is-sitwazzjoni tista' tikkawża konfużjoni u dewmien; il-formola fid-DIR OIE għandha, għalhekk, tintuża dejjem.
- In-nuqqas ta' **kaxxa tal-immarkar għal xi miżuri investigattivi**, bħal tiftix, ordnijiet ta' produzzjoni u OIE fir-rigward ta' evidenza forensika, iwassal għall-ħtieġa li dawn il-miżuri investigattivi jiġu deskritti fil-kaxxa għat-test liberu.
- Ma hemm l-ebda **kaxxa/taqsima li tindika** li l-formola tinkludi għadd ta' **annessi** differenti.
- Jinħolqu diffikultajiet f'każijiet **fejn ikunu kkonċernati diversi persuni** jew jekk **ikunu involuti diversi awtoritajiet kompetenti fil-livell reġjonali** fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni (madankollu, l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni huwa responsabbli biex jiżgura li l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti kollha jkunu involuti b'mod f'waqtu, f'konformità mal-liġi ta' dak l-Istat).
- Id-diffikultajiet li jinħolqu jekk **jintalbu miżuri multipli** (speċjalment fir-rigward tat-taqsimiet C u I). (*Ara wkoll il-**Kapitolu 4.3. Diversi miżuri, diversi Ordnijiet ta' Investigazzjoni Ewropej?***)

**L-aħjar prattika**

- B'mod ġenerali, il-ħruġ ta' **OIE waħda** biss huwa preferibbli f'każijiet fejn diversi miżuri jeħtieġ li jiġu indirizzati lil awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti waħda. Madanakollu, f'xi każijiet, jista' jiġi rrakkomandat il-ħruġ ta' **diversi OIE**. (*Ara wkoll il-**Kapitolu 4.3. Diversi miżuri, diversi Ordnijiet ta' Investigazzjoni Ewropej?***)
- Sabiex jiġi evitat ksur tal-prinċipju *ne bis in idem*, huwa rrakkomandat li fl-OIE **jissemma l-isem tas-suspettat/i**, anki jekk il-formola ma fiha l-ebda post speċifiku għal din l-informazzjoni.
- Huwa rrakkomandat li l-prattikanti jsegwu l-għodda tal-kompendju fuq **is-sit web tan-NĠE**.
- F'każijiet li jikkonċernaw **interċettazzjonijiet ta' telekomunikazzjoni u/jew tiftix**, jew jekk l-OIE tirreferi għal **miżura koerċittiva**, l-informazzjoni pprovduta fl-Anness A għandha tkun speċifika u dettaljata, peress li ebda dokument ta' sostenn ma huwa normalment mehmuż mal-OIE. Il-prattikanti għandhom jindikaw b'mod ċar, pereżempju, ir-raġunijiet għall-ħruġ tal-OIE f'dak il-każ speċifiku u dak li huwa mistenni li jinstema'/jinstab/jinkiseb permezz tal-eżekuzzjoni tal-miżuri.
- **It-Taqsima B** (urġenza) għandha timtela biss wara raġunament bir-reqqa f'każijiet fejn tkun preżenti ħtieġa reali għall-urġenza, eż. jekk persuna tkun f'kustodja; id-dati tas-smigħ ikunu imminenti; l-evidenza elettronika tkun waslet biex tiskadi;

ikun hemm ir-riskju ta' applikazzjoni tal-liġi tal-preskrizzjoni; tkun meħtieġa koordinazzjoni ma' talbiet u miżuri oħrajn; jew il-miżuri preliminari jkunu waslu biex jiskadu. Għall-kuntrarju, il-każijiet m'għandhomx jiġi mmarkati bħala urġenti jekk l-awtoritajiet fl-Istat Membru emittenti sempliċiment jixtiequ jaċċelleraw il-każ. (*Ara wkoll il-**Kapitolu 5.5. Każijiet urġenti**.*)

- **It-Taqsima C** (Miżura jew miżuri investigattivi li għandhom jiġu eżegwiti) tintuża biex tiddeskrivi l-miżuri meħtieġa. L-awtorità emittenti għandha tkun preċiża kemm jista' jkun. Jekk titressaq talba għas-smigħ ta' xhud/vittma/suspettat, l-awtorità emittenti għandha tassisti billi tinkludi lista ta' mistoqsijiet, jew fit-Taqsima C innifisha jew f'hemża mal-OIE.

- **It-Taqsima D** (Relazzjoni ma' OIE preċedenti) tista' tintuża mhux biss biex tindika OIE preċedenti, iżda — fid-dawl ta' interpretazzjoni usa' — biex tipprovdi wkoll informazzjoni rilevanti dwar talbiet relatati ta' kooperazzjoni ġudizzjarja fil-passat jew fil-futur, bħall-OIE li jmiss jew ordnijiet ta' rikonoxximent reċiproku oħrajn (Mandati ta' Arrest Ewropej (MAE), ordnijiet ta' ffriżar, eċċ.), talbiet għal MLA, jew SIK, inkluż SIK eżistenti ma' Stati oħra fil-kuntest ta' oqfsa ta' koordinazzjoni multilaterali. It-Taqsima D għandha tintuża b'mod partikolari meta diversi OIE jkunu ntbagħtu lil diversi pajjiżi fl-istess każ u jkun hemm il-ħtieġa għal koordinazzjoni u/jew diversi OIE jkunu ntbagħtu fl-istess ħin fl-istess pajjiż bħala eċċezzjoni għall-prinċipju ta' trasmissjoni ta' OIE waħda biss, irrispettivament mill-għadd ta' miżuri li għandhom jittieħdu.

- **It-Taqsima E** (Identità tal-persuna kkonċernata) għandha tintuża biex jiġu identifikati l-persuna/i kkonċernata/i mill-miżura investigattiva (mhux neċessarjament il-persuna/persuni suspettati/akkużati).

- **It-Taqsima G** (Raġunijiet għall-ħruġ tal-OIE) għandha tintuża biex jiġi ppreżentat is-sommarju tal-fatti u l-identità tal-awturi suspettati, bl-użu ta' sentenzi qosra u ċari li jippermettu verifika preċiża tal-kriminalità doppja, filwaqt li tipprovdi deskrizzjoni ċara tar-rabtiet bejn ir-reat u/jew l-awturi suspettati, il-persuni kkonċernati u l-miżuri investigattivi mitluba.

- **It-Taqsima I** (Formalitajiet u proċeduri mitluba għal eżekuzzjoni) tintuża biex tipprovdi informazzjoni dwar il-formalitajiet u l-proċeduri li għandhom jiġu rispettati, skont il-leġislazzjoni tal-Istat Membru emittenti, u biex jiġi spjegat kif tali formalitajiet u proċeduri għandhom jitwettqu mill-awtorità ta' eżekuzzjoni. It-Taqsima I tintuża wkoll biex tispeċifika l-preżenza mitluba ta' uffiċjali tal-Istat emittenti fl-eżekuzzjoni tal-OIE. Din it-taqsima tippermetti wkoll il-possibbiltà li persuni interessati jkunu preżenti fil-post, skont l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni tal-1959 tal-KtE.

- **It-Taqsima K** (Dettalji tal-awtorità li tkun ħarġet l-OIE) tintuża biex tingħata informazzjoni dwar l-awtorità emittenti (l-indirizz tal-posta elettronika tal-uffiċċju; awtorità alternattiva jekk ikun hemm bżonn; u informazzjoni utli oħra, eż. ħiliet lingwistiċi, l-awtorità responsabbli biex tagħmel arranġamenti prattiċi għat-trasferiment ta' evidenza jew ta' persuna miżmuma f'kustodja (trasferiment temporanju)).

## 3.2. Informazzjoni jew dokumenti li għandhom jiġu — jew li ma għandhomx jiġu — ipprovduti mill-awtorità emittenti

L-Artikolu 5 DIR OIE dwar il-kontenut u l-forma tal-OIE ma jimponi l-ebda rekwiżit legali għad-deċiżjoni ġudizzjarja domestika li għandha tissemma jew tiġi mehmuża mal-OIE[2]. Anki jekk mhux meħtieġ mil-liġi, xorta waħda jista' jkun utli li **l-ordni domestika tiġi** mehmuża għal finijiet informattivi, skont il-każ inkwistjoni: pereżempju, f'każijiet fejn tintalab miżura koerċittiva, sabiex jiġu spjegati r-raġunijiet legali għal din il-miżura, b'mod partikolari meta l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jkun meħtieġ ukoll li joħroġ ordni mill-qorti.

Fl-eżekuzzjoni ta' OIE, f'ċerti każijiet, pereżempju fil-każ ta' talba għall-interċettazzjoni ta' telekomunikazzjoni, minoranza ta' pajjiżi xorta jeħtieġu, skont il-liġi nazzjonali tagħhom, li l-Istat emittenti jehmeż ordni domestika mal-OIE. Jekk dan ikun il-każ, jeħtieġ li jiġu applikati soluzzjonijiet prammatiċi, bħal pereżempju li l-OIE tinżamm sempliċi u l-ordni domestika (li tkun itwal) tiġi mehmuża, bi traduzzjoni jew mingħajrha.

2 Għall-kuntrarju tal-Artikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE (għal interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, ara s-sentenza *Bob Dogi*, QĠUE, Kawża -241/15), l-Artikolu 5 DIR OIE ma jagħmel l-ebda referenza għal deċiżjoni ġudizzjarja sottostanti.

### 3.3. Lingwa tal-formola u kwistjonijiet ta' traduzzjoni

Biex jitnaqqas in-numru ta' kwistjonijiet relatati mat-traduzzjoni, l-Artikolu 5(2) DIR OIE jgħid li l-Istati Membri għandhom **jindikaw liema lingwa/i uffiċjali oħra tal-UE**, minbarra l-lingwa/i uffiċjali tal-Istati Membri kkonċernati, **jistgħu jintużaw** meta l-Istat Membru jkun l-Istat ta' eżekuzzjoni. Filwaqt li l-maġġoranza tal-Istati Membri aċċettaw lingwa addizzjonali (ħafna drabi, iżda mhux dejjem, l-Ingliż), xi Stati Membri indikaw, minkejja l-formulazzjoni tad-DIR OIE, li ser jaċċettaw biss il-lingwa uffiċjali tagħhom stess, jew li jaċċettaw l-Ingliż f'każijiet urġenti biss.

**L-isfidi ffaċċjati**: Kien hemm ilmenti dwar il-kwalità tat-traduzzjonijiet. F'każijiet fejn OIE ma tiġix mehmuża bil-lingwa tal-Istat Membru emittenti, l-awtorità ta' eżekuzzjoni ma jistax ikollha l-partijiet mhux ċari tat-talba tradotti domestikament.

**L-aħjar prattika identifikata**: L-OIE hija ordni ġudizzjarja u għalhekk trid tinħareġ u tiġi ffirmata bil-lingwa/i tal-Istat Membru emittenti. Għat-traduzzjoni, **jenħtieġ li dejjem jintużaw il-formola/mudell uffiċjali tal-OIE** bil-lingwa tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni. Ittraduċi biss il-partijiet tal-formola li ġew kompluti mill-awtorità emittenti, biex jiġu evitati traduzzjonijiet dubjużi u mhux uffiċjali/mhux preċiżi. L-għodda tal-Kompendju fuq is-sit web tan-NĠE toffri funzjoni ta' traduzzjoni awtomatika tal-partijiet "statiċi" tal-formola. Il-formoli tal-OIE (l-Annessi A, B u C) huma disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE f'format Word fil-librerija ġudizzjarja fuq is-sit web tan-NĠE. (*Ara* l-Anness A jew "Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea — formoli" biex issib l-Annessi A, B u C).

**OIE li tintbagħat mingħajr traduzzjoni** għandha titqies li mhijiex kompluta, skont l-Artikolu 16(2)(a) DIR OIE. F'tali sitwazzjoni, l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tinforma lill-awtorità emittenti li l-OIE "mhijiex kompluta", minflok ma tibgħat il-formola lura jew titrattaha bħala "ineżistenti".

Id-dokument tan-NĠE "Competent authorities, languages accepted, urgent matters and scope of the EIO Directive" jipprovdi informazzjoni utli dwar il-lingwi aċċettati, inkluż f'każijiet urġenti, jekk applikabbli.

# 4. L-emissjoni u t-trasmissjoni ta' Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea

### 4.1. L-awtoritajiet kompetenti involuti (l-awtorità emittenti u ta' validazzjoni)

Id-DIR OIE "ġġudizzjalizzat" il-fażi tal-emissjoni billi tirrikjedi li l-OIE jinħarġu minn imħallef, qorti, imħallef inkwirenti jew prosekutur pubbliku kompetenti fil-każ ikkonċernat (awtorità ġudizzjarja bħala **awtorità emittenti**), jew billi tirrikjedi li OIE tiġi vvalidata minn waħda minn dawn l-awtoritajiet (awtorità ġudizzjarja bħala **awtorità ta' validazzjoni**). *Ara* l-Artikolu 2(c) DIR OIE.

F'konformità mal-Artikolu 7(3) DIR OIE, l-awtoritajiet ċentrali jista' jkollhom rwol amministrattiv utli b'appoġġ għall-awtoritajiet ġudizzjarji. F'xi Stati Membri, l-awtorità ċentrali tissodisfa rwoli addizzjonali, pereżempju fit-transitu ta' persuni f'kustodja u ftehimiet dwar il-kondiviżjoni tal-ispejjeż.

Fir-rigward tal-**verifika** jekk l-awtorità emittenti, jew inkella dik ta' validazzjoni ta' OIE, hijiex il-korp kompetenti, l-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni normalment jiddependu fuq il-fiduċja reċiproka. Madankollu, jistgħu jitwettqu verifiki skont l-Artikolu 9(3) DIR OIE. Id-dokument tan-NĠE bit-titlu "Awtoritajiet kompetenti, lingwi aċċettati, kwistjonijiet urġenti u kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-OIE" jista' jservi biex jgħin fil-valutazzjoni ta' jekk l-OIE riċevuta tkunx inħarġet jew tkunx ġiet ivvalidata minn awtorità kompetenti.

(*Ara wkoll il-**Kapitolu 5.5. Każijiet urġenti***).

## 4.2. Verifika tal-proporzjonalità (Artikolu 6(1))

**Kondizzjonijiet li għandhom jiġu vverifikati mill-awtorità emittenti (Artikolu 6 DIR OIE):**

- L-Istat Membru emittenti għandu jivverifika jekk il-miżura hijiex ***meħtieġa u proporzjonata***.
- L-Istat Membru emittenti għandu jivverifika jekk il-miżura ***setgħetx ġiet ordnata taħt l-istess kondizzjonijiet f'każ domestiku simili***.

Id-DIR OIE tħalli l-verifika tal-proporzjonalità f'idejn l-awtorità emittenti (Artikolu 6(1) DIR OIE), iżda, jekk l-awtorità ta' eżekuzzjoni jkollha raġuni għalxiex temmen li din il-kondizzjoni ma ġietx issodisfata, hija tista' tikkonsulta lill-awtorità emittenti (Artikolu 6(3) DIR OIE).

Din is-sitwazzjoni tista' sseħħ jekk id-deskrizzjoni tar-reat ma tkunx dettaljata biżżejjed, jew il-miżura investigattiva mitluba tkun wiesgħa wisq u diffiċli biex tiġi ġġustifikata, jew il-miżura ma tiġix deskritta b'mod suffiċjentement konkret li jippermetti valutazzjoni xierqa.

Dan il-**mekkaniżmu ta' konsultazzjoni** jista' jintuża biex jipprovdi informazzjoni rilevanti u biex jiġi evitat ir-riskju li l-eżekuzzjoni tiġi ttardjata aktar. Wara l-konsultazzjoni, l-awtorità emittenti tista' tiddeċiedi wkoll li tirtira l-OIE.

**Kwistjonijiet relatati mal-ispejjeż u reati minuri**: Każijiet li jinvolvu spejjeż li "jitqiesu bħala eċċezzjonalment għolja" jistgħu jiġu riżolti permezz tal-mekkaniżmu ta' konsultazzjoni inkluż fl-Artikolu 21(2) DIR OIE. Jeżistu fehmiet differenti fir-rigward ta' każijiet li jinvolvu spejjeż li, bħala tali, mhumiex eċċezzjonalment għolja, iżda li jirrigwardaw **reati minuri** u li, jekk jiġu ripetuti, jistgħu jinvolvu spejjeż għolja. Madankollu, ir-raġunijiet sabiex ma jingħatax ir-rikonoxximent huma koperti b'mod eżawrjenti fid-DIR OIE u l-kunsiderazzjonijiet relatati mal-ispejjeż ma jistgħux jintużaw bħala raġuni sabiex ma jingħatax ir-rikonoxximent.

## 4.3. Diversi miżuri, diversi Ordnijiet ta' Investigazzjoni Ewropej?

Meta jintalbu miżuri multipli, dawn għandhom, **fil-prinċipju**, jiġu inklużi f'**OIE waħda**. Madankollu, skont in-natura u l-ambitu tal-każ, jista' jkun rakkomandabbli **approċċ differenti**. Jistgħu jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

- **Kwistjonijiet ta' kunfidenzjalità u riskju ta' żvelar**: l-użu ta' OIE separati sabiex jiġi evitat li ċerta informazzjoni tiġi żvelata lil persuni suspettati li jista' jipperikola l-eżekuzzjoni ta' miżuri oħra, jista' jkun preferibbli.
- **Il-kumplessità tal-każ**: if'każijiet kumplessi, li fihom huma meħtieġa miżuri differenti li jikkonċernaw persuni fiżiċi u ġuridiċi differenti b'pożizzjonijiet differenti fil-proċedimenti, il-koerenza interna u l-konsistenza bejn it-taqsimiet differenti tal-Anness A (b'mod partikolari bejn it-taqsimiet C, D, E, G, H u I) huma ta' tħassib komuni. Għal din ir-raġuni, il-ħruġ ta' diversi OIE minflok OIE indipendenti waħda tista' tkun l-għażla preferuta.
- **Awtoritajiet differenti responsabbli mill-eżekuzzjoni tal-OIE**: jistgħu jkunu meħtieġa diversi OIE f'każ bħal dan. Madankollu, xi pajjiżi jikkunsidraw din il-kwistjoni bħala waħda interna, u li l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għandu jkun responsabbli għad-distribuzzjoni tax-xogħol minflok ma jintalbu OIE separati.

## 4.4. Trasmissjoni tal-Ordnijiet ta' Investigazzjoni Ewropej (Artikolu 7)

**Trasmissjoni (Artikolu 7 DIR OIE)**

**Direttament** mill-awtorità emittenti lill-awtorità ta' eżekuzzjoni (mingħajr preġudizzju għall-ħatra tal-awtoritajiet ċentrali).

Skont in-natura, il-kumplessità u l-urġenza tal-każ, jintużaw **mezzi differenti** sabiex titħaffef it-trasmissjoni tal-OIE u tiġi żgurata l-awtentiċità. Dawn jinkludu l-Eurojust, il-punti ta' kuntatt tan-NĠE u l-Maġistrati ta' Kollegament.

Netwerk sikur ta' komunikazzjoni li jippermetti li l-OIE jiġu trasmessi b'mod sikur huwa ta' importanza partikolari. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni Ewropea bħalissa qed tiżviluppa **Portal Online Sikur** (sistema ta' skambju diġitali tal-evidenza elettronika; Huwa mistenni li tkun operattiva verżjoni ta' prova sa tmiem l-2019). Dan il-portal ser ikun pjattaforma b'mezz sikur ta' komunikazzjoni għall-iskambju diġitali tal-OIE u għat-tweġibiet mill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-UE.

Barra minn hekk, l-OIE jistgħu jiġu ppreżentati permezz tal-**konnessjoni sikura tal-Eurojust** (madankollu, mhux l-Istati Membri kollha huma konnessi u l-komunikazzjoni hija possibbli biss bejn awtorità nazzjonali u l-Eurojust, mhux bejn l-awtoritajiet nazzjonali) u l-**konnessjoni sikura tat-telekomunikazzjoni tan-NĠE** (Artikolu 9 tad-Deċiżjoni dwar in-NĠE u l-Artikolu 7(4) DIR OIE). Il-konnessjoni sikura ma hijiex, madankollu, adatta għal kuntatt dirett bejn l-awtoritajiet kompetenti.

# 5. Rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea

## 5.1. L-awtoritajiet kompetenti involuti

L-Artikolu 2(d) DIR OIE jiddefinixxi l-"**awtorità ta' eżekuzzjoni**" bħala l-"*awtorità b'kompetenza li tirrikonoxxi OIE u tiżgura l-eżekuzzjoni tagħha*".

Jekk **OIE tintbagħat lill-awtorità inkorretta fl-Istat ta' eżekuzzjoni**, minflok ma tintbagħat lura, din għandha tintbagħat lill-awtorità ta' eżekuzzjoni korretta, f'konformità mal-Artikolu 7(6) DIR OIE; din is-sitwazzjoni għandha titniżżel fl-Anness B.

Xi Stati Membri ħolqu **awtorità riċeventi** ċentralizzata, jiġifieri awtorità ġudizzjarja li tirċievi u — jekk tkun kompetenti — tirrikonoxxi l-OIE u wara talloka l-OIE għall-eżekuzzjoni lill-awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti.

L-aħjar prattika identifikata:

- Għall-identifikazzjoni tal-awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti u d-dettalji ta' kuntatt rilevanti, jista' jiġi kkonsultat l-Atlas tan-NĠE.
- Jekk ikun hemm previsti diversi miżuri f'żoni ġeografiċi differenti, u l-Istat ta' eżekuzzjoni ma jkollu l-ebda awtorità ċentrali riċeventi, l-awtorità emittenti għandha tgħarraf lill-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni rispettivi dwar l-eżistenza tal-miżuri multipli mitluba fil-pajjiż.

## 5.2. Rikonoxximent u eżekuzzjoni (Artikolu 9)

**Rikonoxximent u Eżekuzzjoni (Artikolu 9 DIR OIE) Regola:**

- **obbligu li tiġi eżegwita** (Artikolu 1 DIR OIE),
- "**mingħajr il-ħtieġa ta' kwalunkwe formalità ulterjuri**" (Artikolu 9(1) DIR OIE). IŻDA, soġġett għal **rikonoxximent** mill-awtorità ta' eżekuzzjoni.

**Il-liġi applikabbli għall-eżekuzzjoni**

L-**eżekuzzjoni** hija regolata mil-**liġi tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni**.

IŻDA l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tikkonforma mal-formalitajiet u l-proċeduri *espressament indikati* mill-awtorità emittenti, "jekk ma jmorrux kontra l-prinċipji fundamentali ta' dritt tal-Istat".

L-Artikolu 9(1) DIR OIE jgħid li l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha **tirrikonoxxi** OIE "**mingħajr il-ħtieġa ta' kwalunkwe formalità ulterjuri**", u tiżgura l-eżekuzzjoni tagħha. Għalhekk, id-DIR OIE ma tippermettix li jsir studju estensiv tal-fajl fl-Istat ta' eżekuzzjoni. Madankollu, xorta waħda għandhom isiru xi verifiki. (*Ara wkoll* l-Artikolu 10(3) u l-Artikolu 11 DIR OIE.)

Jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni jikkonformaw, kemm jista' jkun, mal-formalitajiet u l-proċeduri espressament indikati mill-awtoritajiet emittenti (Artikolu 9(2) DIR OIE), iżda l-OIE għandha tiġi eżegwita, "bl-istess mod u taħt l-istess modalitajiet bħallikieku l-miżura investigattiva konċernata ġiet ordnata minn awtorità tal-Istat ta' eżekuzzjoni" (Artikolu 9(1) DIR OIE).

## 5.3. Rikors għal tip differenti ta' miżura investigattiva (Artikolu 10)

**Rikors għal miżura investigattiva differenti (Artikolu 10 DIR OIE):**

- jekk il-miżura **ma tkunx teżisti** fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni u ma tkunx waħda mill-miżuri inklużi fl-Artikolu 10(2) DIR OIE (eż. miżuri mhux koerċittivi).
- jekk il-miżura **ma tkunx disponibbli** f'każ domestiku simili; jew
- jekk miżura **anqas intrusiva** tikseb l-istess riżultat.

Id-DIR OIE tħalli l-verifika tal-proporzjonalità f'idejn l-awtorità emittenti (ara ***l-Kapitolu 4.2. Verifika tal-proporzjonalità***), iżda tipprevedi wkoll li l-awtorità ta' eżekuzzjoni jista' jkollha **rikors għal miżura investigattiva oħra jekk din tal-aħħar ikollha l-istess riżultat permezz ta' mezzi inqas intrusivi** (Artikolu 10(3) DIR OIE), eż. ordni ta' produzzjoni minflok tfittxija f'dar.

**Sfida identifikata**: Meta jkunu jeżistu prerekwiżiti legali differenti għal miżuri investigattivi fl-Istati Membri involuti.

**L-aħjar prattika**: Sabiex jiġu evitati konsultazzjonijiet u dewmien mhux meħtieġa bejn l-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni u dawk emittenti, dawn tal-aħħar jistgħu jużaw l-OIE biex jindikaw li jistgħu jiġu adottati miżuri inqas intrusivi (li jwasslu għall-istess riżultat).

L-Artikolu 10(2) DIR OIE jirreferi għall-miżuri investigattivi li dejjem iridu jkunu disponibbli skont il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni, bħal **miżuri mhux koerċittivi**, kif definit skont il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni (Artikolu 10(2)(d) DIR OIE). Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri m'għandhomx definizzjoni ta' "miżuri mhux koerċittivi" fil-leġislazzjoni tagħhom, iżda jqisu t-terminu pjuttost bħala kunċett komuni li huwa definit fil-lingwaġġ legali ta' kuljum, li jinkorpora miżuri li ma jaffettwawx id-drittijiet fundamentali, u li spiss ma jeħtiġux ordni tal-qorti (*ara wkoll* il-Premessa 16).

## 5.4. Raġunijiet sabiex ma jingħatax ir-rikonoxximent jew ma ssirx l-eżekuzzjoni (Artikolu 11)

**Raġunijiet sabiex ma jingħatax ir-rikonoxximent jew ma ssirx l-eżekuzzjoni (Artikolu 11 DIR OIE):**

a) **Immunità jew privileġġ**, li jagħmluha **impossibbli li l-OIE tiġi eżegwita.**, Jistgħu jinkludu protezzjonijiet għal professjonijiet mediċi u legali. Jistgħu jinkludu wkoll, anke jekk mhux privileġġi jew immunitajiet, *stricto sensu*, regoli relatati mal-libertà tal-istampa u l-libertà tal-espressjoni (Premessa 20).

b) Jekk l-eżekuzzjoni tkun ta' ħsara għall-interessi **essenzjali tas-sigurtà nazzjonali**.

c) Fi proċedimenti amministrattivi jew proċedimenti oħra mressqa minn awtoritajiet ġudizzjarji, jekk id-deċiżjoni tista' twassal għal proċedimenti quddiem qorti kriminali u l-**miżura ma tkunx awtorizzata** f'każ domestiku simili.

d) Ksur tal-prinċipju ***ne bis in idem***.

e) Jekk OIE tkun marbuta ma' reat **li jkun twettaq parzjalment** fl-Istat ta' eżekuzzjoni iżda **ma jkunx jikkostitwixxi reat kriminali** hemmhekk.

f) Ksur tad-**drittijiet fundamentali**.

g) **Kriminalità doppja** (b'eċċezzjonijiet — l-Anness D).

L-użu tal-miżura investigattiva jkun ristrett taħt il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni għal **lista jew kategorija ta' reati, jew għal ċertu limitu**, li ma jinkludix ir-reat kopert mill-OIE.

Artikolu 11(4) DIR OIE: **Obbligu ta' konsultazzjoni** fir-rigward ta' (a), (b), (d), (e) u (f) qabel ma jiġi deċiż li OIE ma tiġix rikonoxxuta jew eżegwita.

Ir-raġunijiet sabiex ma jingħatax ir-rikonoxximent previsti mid-DIR OIE (Artikolu 11 u r-raġunijiet l-oħra msemmija fil-Kapitolu IV DIR OIE) jinsabu f'**lista eżawrjenti**, li jeħtieġ li tiġi interpretata b'mod restrittiv, peress li dawn ir-raġunijiet jikkostitwixxu eċċezzjoni għall-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku. Għalhekk, skont ir-reġim tal-OIE, ma hemm l-ebda marġni disponibbli biex tiġi rifjutata l-eżekuzzjoni ta' OIE minħabba raġunijiet li mhumiex inklużi f'din il-lista, bħal, pereżempju, il-prinċipju tal-opportunità.

## 5.5. Każijiet urġenti

It-twettiq tal-formalitajiet meħtieġa mid-DIR OIE jista' jkun ta' sfida partikolari f'każijiet urġenti, pereżempju li jiġi żgurat li formola ta' OIE ffirmata tintbagħat bil-lingwa oriġinali u tradotta fil-lingwa aċċettata mill-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, jew li l-proċess ta' validazzjoni jiġi rispettat matul il-btajjel pubbliċi u l-weekends. Id-DIR OIE ma tirregolax miżuri proviżorji li għandhom jittieħdu qabel tinħareġ OIE.

**L-aħjar prattika fir-rigward ta' kwistjonijiet urġenti**

- F'każijiet urġenti, huwa rakkomandat li ssir komunikazzjoni mal-awtorità ta' eżekuzzjoni mill-aktar fis possibbli biex jiġu vvalutati l-għażliet differenti, preferibbilment bl-involviment f'waqtu tal-**Eurojust** jew il-**punti ta' kuntatt tan-NĠE**.
- F'xi Stati Membri, f'każijiet urġenti jiġu aċċettati **talbiet permezz tal-posta elettronika, il-fax u saħansitra permezz tat-telefon**, qabel ma tintbagħat l-OIE proprja. L-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni tal-2000 dwar l-MLA dwar l-iskambju spontanju ta' informazzjoni jista' joffri soluzzjoni f'xi sitwazzjonijiet.
- Xi Stati Membri li ma indikawx l-aċċettazzjoni ta' lingwa uffiċjali oħra skont l-Artikolu 5(2) DIR OIE, madankollu, **jaċċettaw OIE urġenti bl-Ingliż**, dment li l-OIE tradotta tintbagħat ftit wara.
- Meta tkun meħtieġa l-validazzjoni ta' OIE, xi Stati Membri huma disposti li, f'każijiet urġenti, jieħdu xi **miżuri inizjali biex jiksbu evidenza** inkluż qabel ma jkunu rċevew l-OIE vvalidata. F'dawk il-każijiet, hija meħtieġa posta elettronika, b'sommarju qasir bil-miktub tal-fatti. Barra minn hekk, xi Stati Membri jaċċettaw konferma bil-posta elettronika mill-awtorità kompetenti ta' validazzjoni meta l-awtorità ta' validazzjoni ma tkunx disponibbli biex tiffirma l-OIE.
- Id-dokument tan-NĠE "Awtoritajiet kompetenti, lingwi aċċettati, kwistjonijiet urġenti u kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-OIE" jinkludi informazzjoni dwar kwistjonijiet urġenti f'kull Stat Membru, eż. sa fejn tista' tintuża l-lingwa Ingliża u l-użu tal-posta elettronika bħala l-ewwel pass.

## 5.6. Rikonoxximent tar-riċezzjoni (Artikolu 16 (1), Anness B) u skadenzi (Artikolu 12, Anness B)

L-użu tal-**Anness B** biex tiġi rikonoxxuta r-riċezzjoni tal-OIE huwa obbligatorju (Artikolu 16(1) DIR OIE); fil-fatt, l-Anness B għandu jiġi komplut u jintbagħat lill-awtorità emittenti kull darba li tiġi riċevuta OIE. Meta l-awtorità riċeventi tittrasmetti l-OIE lil awtorità oħra għall-eżekuzzjoni tagħha, din l-informazzjoni jenħtieġ li tiġi inkluża fl-Anness B u jenħtieġ li l-awtorità emittenti tikkuntattja lil din tal-aħħar direttament wara. L-Anness B iservi wkoll biex l-awtorità emittenti tiġi informata minn liema data għandhom jibdew jgħoddu l-iskadenzi.

**Skadenzi obbligatorji (Artikolu 12 DIR OIE):**

Id-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni tal-OIE għandha tittieħed u l-eżekuzzjoni tal-miżura għandha tiġi eżegwita "**bl-istess rapidità u prijorità bħal fir-rigward ta' każ domestiku**"

- **Skadenzi obbligatorji**
  - Għat-teħid tad-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni (30 jum + 30 jum), u
  - Għat-teħid tal-miżura (90 jum wara d-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni).
- **Miżuri proviżorji** (Artikolu 32)
  - Deċiżjoni, jekk possibbli, fi żmien 24 siegħa mir-riċezzjoni tal-OIE.

Bħal fil-każ ta' strumenti oħra ta' rikonoxximent reċiproku, id-DIR OIE tipprevedi **skadenzi** għar-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni u għat-twettiq ta' miżura/i investigattiva/i. L-Artikolu 12(6) DIR OIE jipprevedi li, f'każijiet fejn ma jkunx prattikabbli li l-awtorità ta' eżekuzzjoni tikkonforma mal-iskadenza, hija għandha tinforma lill-awtorità

emittenti bir-raġunijiet għad-dewmien u għandha tikkonsulta l-awtorità emittenti dwar l-aħjar mument biex teżegwixxi l-miżura/i investigattiva/i. B'hekk l-eżekuzzjoni tal-OIE tiġi posposta. Id-dewmien fl-ebda ċirkostanza m'għandu jkun il-kawża jew ir-raġuni li ma ssirx l-eżekuzzjoni.

**Każijiet li jinvolvu evidenza elettronika u perijodi qosra ta' żamma ta' data**: Id-DIR OIE tipprevedi l-possibbiltà għall-hekk imsejħa **miżura proviżorja għal sitwazzjonijiet urġenti ħafna** (Artikolu 32 DIR OIE), bil-ħsieb li tiġi evitata provviżorjament il-qerda, it-trasformazzjoni, it-tneħħija, it-trasferiment jew ir-rimi ta' oġġett (inkluż data) li jista' jintuża bħala prova. F'din is-sitwazzjoni, l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tiddeċiedi u tikkomunika d-deċiżjoni dwar il-miżura proviżorja malajr kemm jista' jkun u, kull fejn ikun possibbli, fi żmien 24 siegħa. Huma meħtieġa koordinazzjoni bikrija u l-involviment tal-awtoritajiet ġudizzjarji.

# 6. Miżuri investigattivi speċifiċi (Artikoli 22-31)

## 6.1. Ġenerali

Id-DIR OIE tipprevedi diversi miżuri investigattivi speċifiċi skont l-Artikoli 22–31 DIR OIE.

Il-Kapitoli 6.2 sa 6.7 jinkorporaw l-esperjenzi miġbura mill-Eurojust u n-NĠE fir-rigward ta' xi miżuri investigattivi. Madankollu, dawn ma jagħtux ħarsa ġenerali komprensiva, peress li l-informazzjoni disponibbli fir-rigward ta' ċerti miżuri investigattivi, bħat-trasferiment temporanju ta' persuni miżmuma f'kustodja (Artikolu 22 DIR OIE) u l-investigazzjonijiet sigrieti (Artikolu 29 DIR OIE), hija limitata.

## 6.2. Smigħ b'vidjokonferenza (Artikolu 24)

L-Artikolu 24 DIR OIE jipprevedi l-**possibbiltà li persuni suspettati/akkużati jinstemgħu permezz ta' vidjokonferenza**. Xi liġijiet nazzjonali ta' implimentazzjoni jippermettu biss is-smigħ b'vidjokonferenza ta' persuna suspettata jew akkużata jekk il-persuna tagħti l-kunsens ("għandha" tirrifjuta; raġuni obbligatorja sabiex ma jingħatax ir-rikonoxximent) filwaqt li liġijiet nazzjonali oħra ta' implimentazzjoni huma inqas riġidi ("tista'" tirrifjuta; raġuni fakultattiva sabiex ma jingħatax ir-rikonoxximent).

L-Artikolu 24(1) DIR OIE jippermetti wkoll il-possibbiltà li "**xhieda**" **jew** "**esperti**" **jinstemgħu b' vidjokonferenza**. Għalkemm "il-vittmi" mhumiex imsemmija b'mod espliċitu u, skont xi sistemi legali nazzjonali, "il-vittmi" mhumiex "xhieda" (drittijiet u obbligi proċedurali differenti; l-ebda obbligu li jixhdu jew li jgħidu l-verità), il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jidhru li jaċċettaw li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Artikolu 24 DIR OIE.

**Smigħ b'vidjokonferenza fil-fażi tal-proċess**: Tqajmet il-kwistjoni dwar jekk l-OIE tistax tintuża għas-smigħ ta' persuni akkużati matul il-proċess u b'hekk bħala mod kif tiġi ggarantita l-parteċipazzjoni tal-akkużat fi proċess kriminali minflok trasferiment temporanju. Il-Premessa 25 tikkonferma li d-DIR OIE tkopri l-istadji kollha tal-proċedimenti kriminali, inkluż il-fażi tal-proċess. Smigħ b'vidjokonferenza fil-fażi tal-proċess — f'dan il-kuntest speċifiku — ċertament mhux ser jintuża minn dawk l-Istati Membri li l-liġi domestika tagħhom teħtieġ effettivament il-preżenza tal-akkużat matul il-proċess. Din l-istess miżura tista' wkoll ma tintużax, fl-istess ċirkostanzi, minn dawk l-Istati Membri li jistgħu jużaw vidjokonferenzi biss għall-ġbir ta' provi. Dawn il-pajjiżi jistgħu, madankollu, jeżegwixxu tali OIE li jkunu ġejjin minn Stati Membri li fihom huma permessi dawk il-vidjokonferenzi, dment li d-drittijiet tal-persuna akkużata jkunu ġew iggarantiti u li dan ma jitqiesx li jmur kontra l-prinċipji fundamentali tal-liġi tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni (*ara* l-Artikolu 24(2)(b) DIR OIE).

**L-aħjar prattika:**

- Jekk il-persuna li għandha tinstema' jkollha status differenti fl-Istat Membru emittenti (xhud) milli fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni (persuna suspettata), il-persuna għandha, meta tinstema', tiġi infurmata bid-drittijiet tagħha kemm bħala xhud kif ukoll bħala persuna suspettata li għandha skont il-liġi ta' kull wieħed miż-żewġ Stati Membri.

- Bl-istess mod, fil-każ ta' vidjokonferenza, persuna suspettata/akkużata hija protetta mid-drittijiet mogħtija miż-żewġ sistemi legali, jiġifieri d-drittijiet li jeżistu kemm fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni kif ukoll fl-Istat Membru emittenti, u x-xhieda u l-esperti jistgħu jitolbu d-dritt li ma jixhdux jekk dan id-dritt huwa rikonoxxut f'waħda mis-sistemi legali (*ara* l-Artikolu 24(5)(e) DIR OIE).

## 6.3. Smigħ b'konferenza telefonika (Artikolu 25)

Id-DIR OIE tipprevedi l-possibbiltà li **xhieda u esperti jinstemgħu b'konferenza telefonika**, iżda jidher li teskludi din il-possibbiltà għal persuni suspettati u akkużati, peress li l-formulazzjoni tal-Artikolu 25(2) DIR OIE ma tagħmel l-ebda referenza għall-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 24 DIR OIE.

## 6.4. Informazzjoni dwar operazzjonijiet bankarji u finanzjarji oħra (Artikolu 27)

L-Artikolu 27 DIR OIE jipprevedi l-possibbiltà li tiġi eżegwita OIE sabiex jinkisbu provi finanzjarji dwar kontijiet bankarji, ta' kwalunkwe tip, li jinżammu fi kwalunkwe bank jew kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja mhux bankarja minn persuna soġġetta għal proċedimenti kriminali. L-Artikolu għalhekk mhuwiex limitat għall-persuni suspettati jew akkużati, iżda jinkludi wkoll **kwalunkwe persuna oħra** li jinstab li tali informazzjoni finanzjarja hija meħtieġa fir-rigward tagħha, dment li t-talba tkun immotivata biżżejjed biex tintuża matul il-proċedimenti kriminali (proporzjonalità; *ara wkoll* il-Premessa 27).

## 6.5. Ġbir ta' provi fi żmien reali (Artikolu 28)

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jqisu li l-formulazzjoni tal-Artikolu 28 DIR OIE hija wiesgħa biżżejjed biex tippermetti miżuri bħal sorveljanza bil-vidjo, monitoraġġ jew lokalizzazzjoni bl-użu ta' apparat tekniku (GPS) u aċċess għal sistema tal-kompjuter.

## 6.6. Interċettazzjoni ta' telekomunikazzjonijiet **b'**assistenza teknika (Artikolu 30)

Jeżistu fehmiet differenti dwar jekk l-Artikolu 30 DIR OIE jistax jiġi applikat għal talba biex jiġi installat apparat moħbi tas-smigħ (eż. "interċettazzjonijiet" ta' karozza).

## 6.7. Interċettazzjoni ta' telekomunikazzjonijiet **mingħajr** assistenza teknika (Artikolu 31)

L-Artikolu 31 DIR OIE jirregola n-**notifika ta' Stat Membru fejn jinsab is-suġġett tal-interċettazzjoni li mingħandu ma tinħtieġ l-ebda assistenza teknika** (Anness C). **Nuqqas ta' notifika u/jew nuqqas ta' approvazzjoni** jista' jwassal għal tħassib dwar l-ammissibbiltà tal-provi. F'xi Stati Membri, l-awtorità ċentrali titqies bħala kompetenti biex tirċievi l-Anness C, filwaqt li fi Stati Membri oħra, ir-riċevitur huwa l-awtorità lokali, jekk identifikat.

**Il-punt sa fejn awtorità notifikata għandha tivverifika jekk "l-interċettazzjoni ma tkunx awtorizzata f'każ domestiku simili"** (Artikolu 31(3) **DIR OIE)**: Jeżistu opinjonijiet differenti, li jvarjaw minn sempliċiment verifika proċedurali formali għal eżami sostantiv, li għalih tintalab informazzjoni addizzjonali biex issir valutazzjoni li tista' potenzjalment twassal għat-terminazzjoni tal-interċettazzjoni u/jew il-ħruġ ta' deċiżjoni li tipprevjeni li l-materjal interċettat jintuża bħala evidenza. Fi kwalunkwe każ, l-awtoritajiet nazzjonali ma jistgħux ikunu meħtieġa jipprovdu aktar informazzjoni mill-informazzjoni mitluba fl-Anness A. In-notifika ma tikkostitwixxix ordni biex tiġi rikonoxxuta miżura investigattiva (Anness A), iżda hija sempliċiment riflessjoni tar-rispett għas-sovranità tal-pajjiż l-ieħor.

**Kamp ta' applikazzjoni materjali tal-Artikolu 31 DIR OIE**: Jeżistu fehmiet differenti dwar jekk din id-dispożizzjoni tapplikax ukoll fil-każ ta' apparat moħbi tas-smigħ (eż. "interċettazzjonijiet" ta' karozza).

# 7. Regola ta' speċjalità

Minbarra r-rwol speċifiku tagħha fi kwistjonijiet li jikkonċernaw l-estradizzjoni u t-trasferiment ta' persuni kundannati, tradizzjonalment ir-"regola ta' speċjalità" tapplika wkoll għal talbiet għal MLA għall-ġbir ta' provi (eż. Artikolu 23 tal-Konvenzjoni tal-2000 dwar l-MLA). Madankollu, id-**DIR OIE ma tirregolax b'mod espliċitu r-regola ta' speċjalità** u l-Istati Membri għandhom fehmiet diverġenti dwar jekk ir-regola ta' speċjalità tapplikax jew le fil-kuntest tad-DIR OIE.

Dawn il-fehmiet differenti jwasslu għal approċċi differenti għall-ħruġ jew l-eżekuzzjoni ta' OIE. Mill-perspettiva tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, xi wħud isemmu b'mod espliċitu li, meta tiġi eżegwita OIE, il-provi jistgħu jintużaw biss għall-fini ta' dik l-investigazzjoni speċifika; Stati Membri oħra ma jsemmu xejn, iżda jassumu li l-provi ma jintużawx għal skop ieħor. Mill-perspettiva tal-Istat Membru emittenti, uħud iqisu li dejjem irid jintalab permess mill-Istat Membru ta' eżekuzzjoni qabel ma jintużaw il-provi f'każ differenti; oħrajn iqisu li dan il-pass mhuwiex meħtieġ, peress li hija l-awtorità emittenti li tiddeċiedi u l-Istati Membri jittrasferixxu l-provi skont dan, soġġett għall-qafas legali applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data.

**L-aħjar prattika identifikata**

- F'każijiet fejn ġew applikati b'mod parallel kemm SIK kif ukoll OIE, huwa rakkomandat li jissemma b'mod espliċitu fl-OIE li l-provi miksuba bl-OIE (barra mis-SIK) jistgħu jiġu kondiviżi mal-membri tas-SIK.
- Biex jiġu evitati l-problemi, huwa rakkomandat li ssir talba separata mill-Istat Membru emittenti qabel ma jintużaw il-provi għal finijiet oħra għajr il-fini(jiet) imsemmija fl-OIE oriġinali.

# 8. Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea vs strumenti oħra

## 8.1. Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea vs strumenti ta' ffriżar

Oġġett jista' jkun meħtieġ kemm bħala prova kif ukoll għall-fini ta' konfiska. Jekk oġġett jiġi sekwestrat għall-**ġbir ta' provi**, tapplika l-**OIE**. Għas-**sekwestru ta' oġġett għal konfiska sussegwenti**, teħtieġ ordni ta' ffriżar (*ara wkoll* id-Deċiżjoni Kwadru 2003/577/ĠAI). Jekk oġġett huwa meħtieġ għaż-żewġ għanijiet, il-fehma komuni hija li għandha tintuża l-OIE jekk l-għan primarju jkun il-ġbir ta' provi. L-awtorità emittenti għandha tagħmel din il-valutazzjoni u tiċċara l-iskop tal-miżura ta' ffriżar.

L-iffriżar u l-konfiska ta' proprjetà għar-restituzzjoni lil parti leża ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-DIR OIE (l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni tal-2000 dwar l-MLA jibqa' applikabbli; *ara wkoll* ***il-Kapitolu 2.1. Kwalunkwe miżura investigattiva u d-dispożizzjonijiet korrispondenti***). Minflok, għandha tintuża talba għal MLA. Meta tinħareġ OIE (għal skopijiet ta' provi) u l-proprjetà tiġi mgħoddija aktar tard lill-Istat emittenti, mingħajr ebda restrizzjoni fuq l-użu tagħha (inkluż ir-ritorn tagħha lejn l-Istat ta' eżekuzzjoni), l-Istat emittenti jista', f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu, jiddeċiedi li ssir restituzzjoni.

## 8.2. Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea vs skwadri ta' investigazzjoni konġunta

B' mod ġenerali, l-OIE u s-SIK huma għodod differenti u għandha ssir valutazzjoni każ b'każ fir-rigward ta' liema strument huwa l-aħjar li jintuża f'liema ċirkostanza (eż. il-pajjiżi involuti, il-kumplessità tal-każ, it-tip u l-għadd ta' miżuri investigattivi meħtieġa, l-ispejjeż mistennija, eċċ.). Xi drabi, **iż-żewġ għodod jistgħu jiġu kkombinati** u l-provi miksuba minn pajjiż li jipparteċipa f'SIK permezz ta' OIE li tinħareġ għal pajjiż li ma jipparteċipax fis-SIK jistgħu jiġu kondiviżi fi ħdan is-SIK (bi klawżola espliċita fl-OIE li tippermetti l-kondiviżjoni ta' provi). F'pajjiżi fejn l-awtoritajiet ta' infurzar għandhom rwol importanti, is-SIK tista' tkun l-għażla ppreferuta, pjuttost milli sistema ta' OIE "ġġudizzjalizzata".

## 8.3. Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea vs Mandat ta' Arrest Ewropew

**Il-Premessa 25** tad-DIR OIE tenfasizza li jekk persuna għandha tiġi trasferita għal Stat Membru ieħor għall-fini ta' prosekuzzjoni, inkluż it-tressiq ta' dik il-persuna quddiem qorti biex tiġi proċessata, għandu jinħareġ MAE.

Madankollu, id-DIR OIE tista' tintuża għat-**trasferiment ta' persuni bil-ħsieb li jinkisbu provi mill-persuna kkonċernata**. Peress li din il-miżura tikkonċerna ċ-ċaħda ta' libertà, għandu jkun involut imħallef fl-Istat Membru emittenti fl-arranġamenti prattiċi skont l-Artikolu 22(5) DIR OIE.

## 8.4. Sorveljanza transkonfinali

Skont il-Premessa 9 tad-DIR OIE, id-**Direttiva ma tapplikax għas-sorveljanza transkonfinali** msemmija fil-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jqisu li s-sorveljanza transkonfinali hija kwistjoni għall-kooperazzjoni tal-pulizija u li ma għandhiex tinħareġ OIE f'dawn il-każijiet. Għal Stati Membri oħra, is-sorveljanza transkonfinali hija kwistjoni għall-kooperazzjoni ġudizzjarja. Xi Stati Membri esprimew ukoll il-fehma li s-sorveljanza transkonfinali ma taqax taħt l-OIE sakemm ma jkunux involuti f'dan il-proċess il-monitoraġġ ta' apparat, il-ġeolokalizzazzjoni u/jew l-interċettazzjonijiet telefoniċi. L-interpretazzjonijiet differenti tal-kamp ta' applikazzjoni tal-OIE fir-rigward tas-sorveljanza transkonfinali jistgħu joħolqu problemi. Kwistjoni waħda hija l-limitazzjoni fuq l-użu tal-provi miksuba permezz ta' sorveljanza transkonfinali. F'xi Stati Membri, il-provi miġbura bl-użu ta' din il-miżura jistgħu jintużaw fil-qorti, filwaqt li fi Stati Membri oħra ma jistgħux.

F'xi Stati Membri li fihom il-ħruġ ta' OIE għal sorveljanza transkonfinali mhuwiex possibbli minħabba li huwa eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, din il-miżura li tinsab f'OIE indirizzata lilhom xorta tista' tiġi implimentata, peress li l-leġislazzjoni nazzjonali tqis id-differenzi possibbli fil-leġislazzjoni nazzjonali ta' Stati Membri oħra.

# 9. Assistenza pprovduta mill- Eurojust u min- Netwerk Ġudizzjarju Ewropew

## 9.1. Kummenti ġenerali

**Il-Eurojust u n-NĠE jistgħu jiffaċilitaw u jagħtu pariri matul il-fażijiet differenti taċ-ċiklu tal-ħajja ta' OIE**, inkluż matul il-fażijiet ta' abbozzar, trasmissjoni, rikonoxximent, eżekuzzjoni u segwitu. Għal assistenza biex tittieħed deċiżjoni dwar jekk għandhiex tiġi kkuntattjata l-Eurojust jew in-NĠE f'każ konkret, jekk jogħġbok irreferi għall-Dokument Konġunt — Assistenza fil-Kooperazzjoni Internazzjonali f'Materji Kriminali għal Prattikanti, in-NĠE u l-Eurojust.

**Qabel ma tinħareġ l-OIE**, il-Eurojust u n-NĠE jistgħu, pereżempju, jassistu: (i) fl-abbozzar tal-OIE u l-kjarifika ta' kwistjonijiet legali; (ii) fl-identifikazzjoni tal-awtorità riċeventi/ta' eżekuzzjoni kompetenti; (iii) billi jkollhom rwol konsultattiv fl-għażla tal-użu tal-OIE fir-rigward ta' strumenti oħra (rikonoxximent reċiproku); (iv) fl-iżvilupp ta' strateġija ta' kooperazzjoni possibbli (inkluż l-iskedar tal-iskeda taż-żmien).

**Wara li tinħareġ l-OIE**, l-awtorità emittenti jew ta' eżekuzzjoni tista' titlob l-assistenza tal-Eurojust u n-NĠE fir-rigward ta' kwistjonijiet bħal jekk: (i) l-OIE ġietx riċevuta kif suppost; (ii) l-OIE hijiex lesta għall-eżekuzzjoni (Artikolu 9(6) DIR OIE); (iii) ġiex identifikat kwalunkwe ostaklu (Artikolu 7(7) DIR OIE); u (iv) hijiex meħtieġa kwalunkwe informazzjoni/dokument addizzjonali (Artikolu 11(4) DIR OIE).

Kull meta tiskatta proċedura ta' konsultazzjoni, jew kull meta jkun hemm bżonn ta' feedback addizzjonali, il-Eurojust u n-NĠE jistgħu jaqdu r-**rwol ta' medjatur**. L-OIE tipprevedi diversi proċeduri ta' konsultazzjoni, fejn tista' tiġi ppreżentata talba lill-Eurojust u lin-NĠE biex tintalab l-assistenza tagħhom, pereżempju, biex:

- tiġi vverifikata r-rilevanza tal-OIE (verifika tal-proporzjonalità) (Artikolu 6(3) DIR OIE);
- jiġi ċċarat kwalunkwe ostaklu jew tiġi vverifikata l-awtentiċità ta' kwalunkwe dokument (Artikolu 7(7) DIR OIE);

- jiġu ffaċilitati r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' OIE (Artikolu 9(6) DIR OIE);
- issir konsultazzjoni dwar jekk huwiex possibbli li jsir rikors għal tip differenti ta' miżura investigattiva u dwar l-għażla li l-OIE tiġi rtirata (Artikolu 10(4) DIR OIE);
- issir konsultazzjoni dwar l-għoti ta' kwalunkwe informazzjoni meħtieġa fejn jeżistu raġunijiet biex ma tiġix rikonoxxuta jew eżegwita OIE qabel ma tittieħed deċiżjoni (Artikolu 11(4) DIR OIE);
- issir diskussjoni dwar iż-żmien meħtieġ biex titwettaq il-miżura investigattiva partikolari f'każijiet li fihom ma jkunx prattikabbli li jiġu ssodisfati l-limiti ta' żmien (Artikolu 12(6) DIR OIE);
- issir konsultazzjoni dwar it-trasferiment temporanju ta' provi (Artikolu 13(4) DIR OIE);
- isir skambju ta' feedback dwar rimedji legali (Artikolu 14(5) DIR OIE);
- tittieħed deċiżjoni dwar jekk għandhomx jinqasmu l-ispejjeż straordinarji u kif (Artikolu 21(2) DIR OIE); u
- jiġu ċċarati kwistjonijiet fir-rigward tat-tlestija tal-formola li tinsab fl-Anness C (notifika ta' interċettazzjonijiet li ma jeħtieġu l-ebda assistenza teknika) (Artikolu 31 DIR OIE; Anness C).

## 9.2. Eurojust

Id-DIR OIE hija essenzjalment għodda għall-kooperazzjoni bilaterali. Ma tindirizzax il-koordinazzjoni multilaterali/multiġurisdizzjonali jew id-dimensjoni multidixxiplinari tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali.

F'**każijiet multilaterali kumplessi**, li fihom il-miżuri jaffettwaw partijiet differenti tat-territorju nazzjonali, u li jeħtieġu wkoll koordinazzjoni simultanja ma' miżuri oħra fl-Istat Membru emittenti u/jew fi Stati Membri oħra jew Stati terzi mhux tal-UE, il-Eurojust tista' tkun ta' għajnuna. Bl-istess mod, l-awtoritajiet emittenti jistgħu jiddependu fuq il-Eurojust meta jipprevedu li ser joħorġu OIE f'każijiet multiġurisdizzjonali. F'dawn il-każijiet jeħtieġ li jittieħdu passi multipli fi Stati Membri differenti, b'mod partikolari meta l-miżuri investigattivi għandhom jitwettqu f'jum ta' azzjoni komuni konkret, b'mod **koordinat u simultanju** fi Stati differenti, filwaqt li jitqiesu l-**mekkaniżmi ta' koordinazzjoni eżistenti offruti mill-Eurojust** (laqgħat ta' koordinazzjoni u ċentri ta' koordinazzjoni).

Spiss jiġu pprovduti abbozzi ta' OIE qabel laqgħa ta' koordinazzjoni jew qabel jum ta' azzjoni biex l-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni jkunu jistgħu jagħtu feedback biex jiżguraw eżekuzzjoni bla xkiel tal-OIE finali.

## 9.3. In-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew

Il-**punti ta' kuntatt tan-NĠE** jaġixxu bħala "**intermedjarji attivi**" u jassistu lill-awtoritajiet emittenti u ta' eżekuzzjoni fl-istabbiliment ta' kuntatti diretti. Kif deskritt hawn fuq, il-punti ta' kuntatt tan-NĠE kuljum jipprovdu assistenza dwar l-OIE. Irriżulta li l-kuntatt mal-punti ta' kuntatt tan-NĠE kien partikolarment ta' valur biex jiġu studjat kif wieħed għandu jipproċedi f'każijiet urġenti kif ukoll meta awtorità kompetenti ta' validazzjoni fi Stat Membru emittenti ma kinitx disponibbli biex tiffirma OIE. Sitwazzjoni oħra li fiha huwa rakkomandat il-kuntatt mal-punti ta' kuntatt tan-NĠE hija jekk ikun hemm bżonn li jittieħdu diversi miżuri f'żoni ġeografiċi differenti ta' Stat Membru ta' eżekuzzjoni partikolari.

Is-sit web tan-NĠE fih informazzjoni u għodod għall-applikazzjoni prattika ta' strumenti legali tal-UE, inkluż id-DIR OIE. Hawnhekk, il-prattikanti jistgħu jsibu d-DIR OIE bil-lingwi kollha tal-UE, informazzjoni dwar l-istatus tat-traspożizzjoni tad-DIR OIE (eż. id-data tad-dħul fis-seħħ fl-Istati Membri rispettivi, notifiki u links għal-leġislazzjoni nazzjonali), l-awtoritajiet kompetenti, il-lingwi aċċettati fl-Istati Membri rispettivi u l-Annessi A, B u C bil-lingwi kollha tal-UE f'format Word, eċċ.

Is-sit web jipprovdi l-għodod online prattiċi li ġejjin:

- Il-**Kompendju**, li jippermetti li OIE tiġi abbozzata online u li l-partijiet statiċi tal-formola tal-OIE jiġu tradotti immedjatament fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE;
- L-**Atlas Ġudizzjarju**, li jintuża biex tiġi identifikata l-awtorità kompetenti lokali biex tirċievi l-OIE;
- Il-"**Fiches belges**", li jipprovdu informazzjoni prattika u legali konċiża dwar għadd ta' miżuri investigattivi; u
- Il-**Librerija Ġudizzjarja**, li fiha ħafna dokumenti utli, eż. verżjonijiet Word tat tliet annessi tal-OIE u l-manwali nazzjonali dwar l-OIE, jekk disponibbli. Dawn il-manwali nazzjonali dwar l-OIE, jekk jiġu kondiviżi man-NĠE, jittellgħu fuq is-sit web tan-NĠE, b'aċċess ristrett.

# Biblijografija


Direttiva 2014/41/UE tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea f'materji kriminali

Rapport ta' eżitu tal-laqgħa tal-Eurojust dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea, The Hague, 19-20 ta' Settembru 2018

Konklużjonijiet tal-2017 dwar l-OIE —It-48 u d-49 Laqgħa plenarja tan-NĠE f'Malta u Tallinn

Konklużjonijiet tan-NĠE tal-2018 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea

Dokument tan-NĠE, "Awtoritajiet kompetenti, lingwi aċċettati, kwistjonijiet urġenti u kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-OIE"

Nota tal-Eurojust u n-NĠE dwar it-tifsira tat-terminu "dispożizzjonijiet korrispondenti" u r-reġim legali applikabbli f'każ ta' dewmien fit-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar l-OIE)

Inizjattiva tar-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Renju tal-Iżvezja għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea f'materji kriminali — Lista ta' dispożizzjonijiet ta' strumenti legali attwalment eżistenti li jistgħu jiġu affettwati (dok. tal-Kunsill 14445/2011)

Dokument Konġunt — Assistenza fil-Kooperazzjoni Internazzjonali f'Materji Kriminali għal Prattikanti, in-NĠE u l-Eurojust

© Eurojust u n-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew

EUROJUST

**Eurojust**, Johan de Wittlaan 9, 2517 JR The Hague, The Netherlands
www.eurojust.europa.eu • info@eurojust.europa.eu • +31 70 412 5000
Twitter & LinkedIn: @Eurojust

**Print:** *Catalogue number:* QP-02-19-415-MT-C • *ISBN:* 978-92-9490-388-4 • *DOI:* 10.2812/856968
**Pdf:** *Catalogue number:* QP-02-19-415-MT-N • *ISBN:* 978-92-9490-392-1 • *DOI:* 10.2812/34010